MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 828/2001/1

**Uniformity Limited**

**vs**

**John Caruana f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mercurial Travel Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' Mercurial Travel Limited li jhallas is-somma ta' Lm4,050 liema somma tirraprezenta in kwantu ghal Lm3,000 penali dovuta mill-konvenut ai termini tal-artikolu 5 ta' skrittura privata, konvenju llum skadut, datat 5 ta' Dicembru, 1997, u in kwantu ghal Lm1,050, arretrati ta' kera, minn Awissu, 2000, sa' Frar, 2001, tal-fond 88c, Rudolphe Street, Sliema, ai termini ta' kuntratt ta' kera datat ukoll 5 ta' Dicembru, 1997.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta dawn l-ammonti gew rispettivament dovuti, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixa:

1. Illi preliminarjament l-ammont pretiz ta’ Lm4,050 allegatament dovuti ghal penali u arretrati ta’ kera, mhumiex dovuti ghar-ragunijiet illi gejjin:

*(i)* Peress illi *dato ma non cencesso* illi l-penali ta’ tlett elef lira kienu dovuti lill-attur, dawn kienu dovuti taht konvenju li llum il-gurnata huwa skadut u percio’ l-effetti tieghu, nkluza l-klawzola li tirregola l-penali, m’ghadhomx *in vigore*;
(ii) *Dato ma non concesso* illi hemm xi ammont dovut ghall-arretrati ta’ kera, dan ma jammontax ghal Lm1,050, kif allegat mill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-5 ta’ Dicembru, 1997, ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, Mark Borg Costanzi, ghamel konvenju mas-socjeta’ Mercurial Travel Limited, liema konvenju kien garantit minn John Caruana personalment ghall-bejgh u xiri tal-fond 88c, Triq Rudolfo, Sliema. Dan il-konvenju kellu sahha ta’ tlitt snin. Fl-istess data saret kirja ta’ l-istess fond bir-rata ta’ elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) kull xahar, b’dana illi ghall-ewwel tlitt snin l-kera kellha tkun bil-hames liri (Lm5) kuljum.

F’Awissu tas-sena 2000, il-konvenut John Caruana waqaf milli jhallas il-kera u l-fond gie vagat fi Frar, 2001. Minkejja li l-konvenut zamm il-fond ghal xahrejn oltre’ t-tlitt snin imsemmija, s-socjeta’ attrici qeghda tillimita ruhha

ghal hames liri (Lm5) kuljum bhala arretrati ta’ kera li jgibu s-somma ta’ elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050).

Is-socjeta’ attrici qeghda wkoll titlob minghand il-konvenut kemm f’ismu kif ukoll f’isem il-kumpanija, s-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) bhala penali abbazi tal-klawzola hamsa (5) tal-konvenju.

Mark Borg Costanzi jirrikonoxxi li l-konvenju skada u hadd m’ghamel proceduri legali.

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid illi huwa gie nterpellat personalment, pero’ x’tip ta’ nterpellazjoni kienet, jekk kinitx gudizzjali jew le, ma rrizultax.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-penali, l-paragrafu hamsa (5) tal-konvenju jghid espressivament illi jekk ix-xerrej, “Fails to complete by due date for no valid reason at law, purchaser shall automatically be liable towards vendor to a penalty of three thousand pounds as a penalty merely for failing to complete the purchase…” (Fol. 14).

Bhala klawzola ta’ penali, dina hija accettabbli anki f’konvenju (Ara Alfred Cachia Noe vs Maria Concetta Thake et Appell 19 ta’ Novembru, 2001).

Pero’ biex tigi nfurzata, bhal f’kull konvenju iehor, jehtieg att gudizzjali abbazi ta’ l-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili.

Irrizulta mill-atti li din il-procedura ma giet osservata u ma sarx att gudizzjarju biex jigu salvagwardati d-drittijiet rispettivi, f’liema kaz, il-konvenju skada minghajr hadd ma ssalvagwardja d-drittijiet tieghu, u allura hadd ma jista’ jinsisti fuq l-esekuzzjoni tieghu lanqas ghal dak illi jirrigwarda l-penali, illi wara kollox huma parti ntegrali fil-kondizzjonijiet ta’ l-istess konvenju (ara Brownrigg vs Thaddeo Camilleri Appell 22 ta’ Frar, 1990).

Ghalhekk, il-Qorti ma tarax kif tista’ tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghal dak illi jirrigwarda l-penali.

Minn naha l-ohra, ghal dak illi jirrigwarda l-arretrati ta’ kera, rrizulta illi t-talba ghandha tigi milqugha. U dana l-ghaliex il-konvenut jirrikonoxxi illi huwa kien qieghed jokkupa dan il-fond proprjeta’ tas-socjeta’ attrici abbazi tal-kuntratt ta’ kera ffirmat fil-5 ta’ Dicembru, 1997. M’huwiex kontestat li l-konvenut baqa’ fil-fond sa’ Frar, 2001, u waqaf ihallas il-kera f’Awissu, 2000.

Ghalhekk fuq il-bazi ta’ hames liri Maltin (Lm5) kuljum, it-talba tas-socjeta’ konvenuta ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad it-talba tas-socjeta’ attrici ghar-rigward ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) bhala penali, tilqa’ t-talba taghha ghall-hlas ta’ arretrati ta’ kera fl-ammont ta’ elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita’ tieghu premessa li jhallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) arretrati ta’ kera minn Awissu, 2000, sa’ Frar, 2001, tal-fond 88c Triq Rudolfo, Sliema, ai termini ta’ kuntratt ta’ kera datat 5 ta’ Dicembru, 1997.

Bl-ispejjez illi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------